# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 24 ta' Novembru 2017**

**Numru 10**

**Rikors numru 62/13 JRM**

**Mario Schembri**

**v.**

**L-Avukat Generali u b'digriet tal-5 ta' Settembru 2013, issejjah fil-kawza s-Supritendent tas-Sahha Pubblika**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell maghmul mill-intimat l-Avukat Generali minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha [l-ewwel Qorti] fl-24 ta' Novembru 2016, li permezz taghha dik il-Qorti laqghet l-ewwel talba tar-rikorrent u sabet li l-mod kif tmexxa s-smigh tal-kawza tieghu quddiem il-Qorti tal-Magistrati gab dewmien mhux misthoqq fil-Ligi; laqghet it-tieni talba u sabet li minhabba f'hekk ir-rikorrenti garrab ksur tad-dritt tieghu ghal

smigh xieraq fi zmien ragjonevoli kemm taht l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] kif ukoll taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Liberatajiet Fondamentali [il-Konvenzjoni]; u ghall-finijiet tat-tielet talba illikwidat danni morali fis-somma ta' tliet elef Euro (€3,000) liema somma kkundannat lill-intimat u l-imsejjah fil-kawza jhallsuha solidalment bejniethom lir-rikorrent, bl-ispejjez jithallsu mill-intimat u s-Supritendent imsejjah fil-kawza.

**Mertu**

2. Fl-14 ta' Settembru 2006 ir-rikorrent tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-seduta fejn jinstemghu il-kazijiet immexxija mid-Dipartiment tas-Sahha Pubblika, akkuzat bi ksur ta' diversi dispozizzjonijiet tal-Kapitoli 231 u 449 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' legislazzjoni sussidjarja relattiva, marbutin *inter alia* mal-bejgh ta' ikel jew prodotti tal-ikel. Il-kaz kontra r-rikorrent sar wara spezzjoni li saret fuq konsenja ta' xorb u ikel f'depot gewwa Hal Far fil-21 ta' Marzu 2006, u wara spezzjoni li saret gewwa Marsaxlokk fis-26 ta' Marzu 2006 fejn gew identifikati mis-Superintendent tas-Sahha Pubblika xi nuqqasijiet fil-konsenja in kwistjoni kif ukoll tliet persuni marbutin mal-kaz, ossia r-rikorrent, Mario Mifsud u Christopher Drago. It-tliet imputati lkoll tressqu individwalment quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta'

Gudikatura Kriminali mixlija b'diversi reati konnessi mal-istess kaz, izda billi l-imputati kollha kienu implikati flimkien u l-mertu tad-diversi kawzi kien konness, il-kawzi kollha bdew jinstemghu kontestwalment fuq talba tal-prosekuzzjoni immexxija mis-Suprintendent tas-Sahha Pubblika.

3. Minhabba d-diffikultajiet riskontrati fin-notifika tal-imputat Christopher Drago, il-kawza kontra r-rikorrent baqghet tigi differita seduta wara ohra sakemm fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2010, meta l-imsemmi ko-imputat kien ghadu ma kienx notifikat bil-proceduri, il-prosekuzzjoni talbet u ottjeniet il-firda tal-kawzi b'dan illi l-kawzi tar-rikorrent u Mario Mifsud baqghu jinstemghu flimkien, izda separatament mill-kawzi kontra Christopher Drago. Sussegwentement, instemghu fi ftit seduti il-provi kollha fil-kawza tar-rikorrent u, wara li saru s-sottomissjonijiet orali fl-udjenza tad-19 ta' Lulju 2011, il-kawza giet differita ghas-sentenza. Gara pero` illi f'dan l-istadju il-magistrat li kienet qed tippresjedi fuq il-kaz inhatret bhala Imhallef, u l-kaz gie assenjat lil magistrat iehor biex jinqata'. Finalment, permezz ta' sentenza moghtija fil-11 ta' April 2013, ir-rikorrent gie liberat mill-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

4. Ir-rikorrent jikkontendi illi d-dritt tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli gie lez bit-trapass ta' kwazi seba' snin biex jinqatghu l-proceduri kriminali li ttiehdu fil-konfront tieghu, liema zmien skont l-

istess rikorrenti huwa wiehed irragjonevoli u mhux gustifikat u jissarraf f'dewmien eccessiv li wassal sabiex huwa sofra pregudizzju sew materjali sewwasew morali.

5. Fir-rikors promotur ir-rikorrent ghamel is-segwenti talbiet:

> "(1) Tiddikjara illi fil-proceduri fl-ismijiet *'Il-Pulizija vs Mario Schembri'* deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar il-hdax (11) ta' April 2013 gew lezi d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti ghal smiegh xieraq minn qorti indipendenti u miparzjali fi zmien ragonevoli;
>
> "(2) Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi sehhu vjolazzjonijiet tal-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikoli 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;
>
> "(3) Taghti dawk ir-rimedji li jidhrilha effettivi u opportun fic-cirkostanzi, nkluz izda mhux biss kumpens pekunjarju."

6. L-intimat Avukat Generali, fir-risposta tieghu ipprezentata fl-4 ta' Settembru 2013, eccepixxa b'mod preliminari illi, sabiex il-gudizzju jkun integru, ghandu jigi msejjah fil-kawza l-prosekutur fil-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti, ossia s-Superintendent tas-Sahha Pubblika, kif ukoll ghandhom jigu allegati l-atti tal-kawza *Il-Pulizija vs. Mario Schembri*[1], liema eccezzjonijiet gew milqugha mill-ewwel Qorti.

7. Fil-mertu, l-intimat laqa' ghall-azzjoni billi eccepixxa li d-dewmien fil-kawza tar-rikorrent ma kienx jahti ghalih hu anke ghaliex il-kawza kienet ta' natura kumplessa u, f'kull kaz, l-istess proceduri kriminali

[1] Nru. 191/06.

inbdew unikament b'konsegwenza tal-agir irregolari u nuqqasijiet serji tar-rikorrent innifsu. L-intimat sostna wkoll li f'kaz ta' sejbien ta' ksur, dikjarazzjoni ta' ksur fic-cirkostanzi tkun sufficjenti in linea ta' rimedju.

8. L-imsejjah fil-kawza is-Superintendent tas-Sahha Pubblika eccepixxa illi l-prosekuzzjoni ta' kawzi kriminali li jirrigwardaw ksur tal-ligijiet sanitarji titmexxa mill-Kummissarju tal-Pulizija bl-assistenza teknika tal-Ispettorat tas-Sahha Pubblika u ghalhekk ghal kwalsiasi dewmien, anke dewmien li jirrizulta min-notifiki jew nuqqas taghhom, ma jahtix hu.

## Is-Sentenza Appellata

9. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet relevanti ghall-appell odjern:

> "Illi mill-atti tal-kawża joħorġu dawn il-fatti ewlenin rilevanti. Fil-21 ta' Marzu, 2006, saret spezzjoni f'depożt f'Ħal Far minn spetturi sanitarji fuq konsenja ta' xorb u gallettini li ssemma li kienu nġabu f'Malta mill-Emirati Għarab minn kumpannija li r-rikorrent kien l-azzjonist waħdien tagħha[2]. Billi nstab li l-konsenja kellha nuqqasijiet, ir-rikorrent intrabat li jżomm il-konsenja rilaxxata u ma jqassamhiex sakemm ikunu twaħħlu t-tikketti kif titlob il-liġi[3] u l-uffiċjali sanitarji issiġillaw il-konsenja[4];
>
> "Illi ftit tal-jiem wara, il-Ħadd 26 ta' Marzu tal-2006 xi spetturi sanitarji kienu qegħdin jagħmlu spezzjoni fis-suq li jarma fil-beraħ f'Marsaxlokk, meta sabu li kien hemm bejjiegħ – wieħed Mario Mifsud – li kien qiegħed joffri għall-bejgħ prodotti tal-ikel u xorb li ma kellhomx tikketta li tagħti t-tagħrif meħtieġ dwar il-kontenut skont kif titlob il-liġi;

[2] Xhieda ta' Graziella Borġ f'paġġ. 36 – 7 tal-Atti tal-Akkuża 191/06
[3] Dok "GB", f'paġġ. 6 – 7 tal-Att tal-Akkuża 191/06
[4] Xhieda ta' Mario Camilleri f'paġ. 41 tal-atti tal-Akkuża 191/06

"Illi, wara stħarriġ li sar mid-Dipartiment tas-Saħħa[5] u fuq talba tal-istess Dipartiment, fit-2 ta' Awwissu tal-2006, il-Pulizija Eżekuttiva ħarġet taħrika kontra r-rikorrent u xlietu b'ħames akkużi marbuta maż-żamma u l-bejgħ ta' prodotti tal-ikel bla ma kien liċenzjat għal dan il-għan mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika (aktar 'il quddiem imsejjaħ "is-Suprintendent") taħt dispożizzjonijiet tal-Att tal-2002 dwar is-Sigurta' fl-Ikel[6];

"Illi r-rikorrent tressaq b'Ċitazzjoni biex jidher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (aktar'il quddiem imsejħa "l-Qorti tal-Maġistrati") fis-smigħ tal-14 ta' Settembru, 2006 f'seduta li fiha tressqu każijiet imnedijin mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika. Dwar il-każ tar-rikorrent, kienu tressqu wkoll żewġ persuni oħrajn – l-imsemmi Mario Mifsud u wieħed Christopher Drago – b'Ċitazzjoni kull wieħed għal rashom, u b'akkużi dwar kull wieħed minnhom;

"Illi sadattant, ir-rikorrent kien kiteb lill-awtoritjiet doganali biex jgħarrafhom li kien daħallu s-suspett li ħaddieħor kien qiegħed jimporta f'Malta prodotti fuq isem il-kumpannija tal-istess rikorrent minn wara dahru u talab li d-Dwana tistħarreġ il-kwestjoni[7]. Ir-rikorrent kien ħalla stqarrija dwar dan ukoll mal-Pulizija f'Mejju tal-2008[8] fejn iddikjara li kien iqis li min inqeda b'isem il-kumpannija tiegħu kien Christopher Drago[9] u li kien kisirha miegħu minħabba f'hekk, għaliex l-awtoritajiet fiskali kienu bdew jindagaw lir-rikorrent ukoll. Ftit ġimgħat wara li nfetħu l-proċeduri kriminali kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rikorrent bagħat jgħarraf lid-Dipartiment tas-Sanita' bl-għemil li qal li wettaq Christopher Drago minn wara dahru[10];

"Illi l-Qorti tal-Maġistrati qablet ma' suġġeriment tal-Prosekuzzjoni li l-kawżi tar-rikorrent u taż-żewġ imputati l-oħrajn jinstemgħu flimkien, madankollu kienet stabiliet li sakemm ma ssirx in-notifika tal-imputat Christopher Drago, ir-rikorrent ma kellux għalfejn jitla' l-Qorti. Il-Prosekuzzjoni kienet qiegħda ssibha bi tqila biex issib lil Drago u tinnotifikah bit-taħrika u bl-atti;

"Illi b'degriet mogħti fid-9 ta' Novembru, 2009, il-Qorti tal-Maġistrati ordnat li jekk kemm-il darba tibqa' ma ssirx in-notifika tal-imputat Drago, il-każ tar-rikorrent kien jitħalla *sine die*;

"Illi billi l-imputat Drago baqa' ma kienx notifikat, il-Prosekuzzjoni talbet il-firda tal-kawżi tar-rikorrent minn dik tal-imputat Drago. Din it-talba saret waqt is-smigħ tal-10 ta' Mejju, 2010 u ntlaqgħet mill-Qorti

[5] Xhieda ta' Malcolm Micallef f'paġġ. 49 – 50 tal-proċess
[6] Kap 449
[7] Dok "I1", f'paġ. 57 tal-atti tal-Akkuża 191/06
[8] Dok "I", f'paġġ. 54 – 6 tal-atti tal-Akkuża 191/06
[9] Dok "I3", f'paġ. 59 tal-atti tal-Akkuża 191/06
[10] Dok "I4", f'paġ. 60 tal-ati tal-Akkuża 191/06

tal-Maġistrati b'degriet ta' dakinhar, li bih ordnat li l-każ tar-rikorrent u ta' Mario Mifsud jibqgħu jinstemgħu flimkien filwaqt li dak kontra Drago jinstema' għal rasu[11];

"Illi fis-smigħ tal-10 ta' Mejju, 2010, il-Qorti tal-Maġistrati semgħet il-provi kollha tal-Prosekuzzjoni[12];

"Illi fis-smigħ tat-22 ta' Marzu, 2011[13] xehed ir-rikorrent, u matul dik ix-xhieda iddikjara li huwa qatt ma ndaħal fl-importazzjoni ta' ħwejjeġ tal-ikel u xorb u li n-negozju tal-kumpannija tiegħu kien marbut mad-detersivi u prodotti tat-tindif;

"Illi l-kawża kienet ittrattata waqt is-smigħ tad-19 ta' Lulju, 2011[14] u dakinhar tħalliet għas-sentenza;

"Illi l-Maġistrat li kienet tippresjiedi l-Qorti tal-Maġistrati nħatret imħallef qabel ma laħqet ingħatat is-sentenza u Maġistrat ieħor ingħata l-kawża (flimkien ma' oħrajn) biex jaqtagħha hu;

"Illi wara li l-kawża tħalliet għas-sentenza fit-13 ta' Lulju, 2012, is-sentenza ingħatat fil-11 ta' April, 2013[15], u r-rikorrent inħeles minn kull akkuża;

"Illi għalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija għarraf b'Nota tas-16 ta' April, 2013[16], li kien fi ħsiebu jappella mis-sentenza, l-appell ma tressaqx fuq parir mogħti mill-Avukat Ġenerali[17];

"Illi fid-9 ta' Awwissu, 2013, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti legali marbuta mal-każ il-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent dwar il-ksur ta' jedd fundamentali li minnu jilmenta jinbena fuq id-dewmien li ħa l-każ tiegħu quddiem il-Qorti ta' kompetenza kriminali u wkoll għall-fatt li jisħaq li ma messu qatt inbeda każ kontrih meta, sa minn qabel ma nfetħu l-proċeduri, hu kien wera li ma kellu x'jaqsam bl-ebda mod mal-ġrajja li dwarha mbagħad kien mixli mis-Suprintendent;

"Illi fil-każ tallum, ir-rikorrent isejjes l-ilment tiegħu kemm taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll dawk tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

"Illi qabel xejn xieraq jingħad li, fil-partijiet tiegħu rilevanti għal dan il-każ, dak l-artikolu jipprovdi li: "*(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata,*

[11] Paġ. 33 tal-atti tal-Akkuża 191/06
[12] Paġġ. 36 – 52 tal-atti tal-Akkuża 191/06
[13] Paġġ. 62 – 70 tal-atti tal-Akkuża 191/06
[14] Paġġ. 77 – 81 tal-atti tal-Akkuża 191/06
[15] Paġġ. 89 – 91 tal-atti tal-Akkuża 191/06
[16] Paġ. 92 tal-atti tal-Akkuża 191/06
[17] Dok "MDM1", f'paġ. 51 tal-proċess

*jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. ... (5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skont l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari. (6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali - ... (ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista' jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkun meħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każ tiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bi spejjeż pubbliċi; ... (10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha*";

"Illi l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara li l-jedd ta' smigħ xieraq fil-qafas ta' proċeduri kriminali jiddependi minn (a) akkuża li (b) tkun qegħda tinstama' minn Qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. Dan l-artikolu ġie mfisser mill-Qrati tagħna bħala li japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti li, fl-għeluq ta' dak il-proċediment, tista' tasal biex tagħti deċiżjoni li tiddetermina l-ħtija jew in-nuqqas ta' ħtija tal-persuna akkużata[18]. Għalhekk, tqies li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni la jgħoddu dwar proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Inkwirenti[19] u lanqas għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja[20];

"Illi, min-naħa l-oħra, l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni fil-parti rilevanti għal din il-kawża jipprovdi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u ta' l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi*";

"Illi f'dan ir-rigward l-awturi jisħqu li "*the Court has more than once referred to 'the prominent place which the right to a fair trial holds in a democratic society within the meaning of the Convention', a consequence of which is that 'there can be no justification for interpreting article 6(1) of the Convention restrictively*'"[21];

"Illi ngħad ukoll b'awtorita' mill-ogħla Qrati tagħna li d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu huma maħsuba biex jassiguraw il-ħarsien taż-żewġ prinċipji tal-ħaqq naturali tal-*audi alteram partem* u tan-*nemo judex in causam propriam*. Miżjuda ma' dan il-għan, u mhux minfloku jew bi ħsara għalih, hemm l-element tal-ħeffa raġonevoli tal-proċediment ta' kawża[22];

[18] P.A. (Kost) AE **21.2.2014** fl-Atti tar-Riferenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Godwin Muscat*** (mhix appellata)
[19] P.A. (Kost.) LFS **17.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Karl Heinrich Muscat vs l-Avukat Ġenerali et*** (mhix appellata)
[20] Kost. **16.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Żarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et***
[21] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġ. 164
[22] Kost. **10.6.1966** fil-kawża fl-ismijiet ***Leone Misraħi et vs Rosaria Cassar et*** (mhix pubblikata)

"Illi d-dritt għal smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, madankollu, mhuwiex xi dritt illimitat, imma huwa regolat raġonevolment bil-proċedura li tkun fis-seħħ minn żmien għal żmien[23]. Imma dan iġib miegħu wkoll li jekk il-proċedura tistabilixxi regoli biex bihom jitħaddem is-smigħ kif imiss tal-kawżi, in-nuqqas ta' tħaris tal-istess regoli a skapitu ta' xi parti għandu, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, iġib miegħu ċensura u jagħti lok għal rimedju, iżjed u iżjed jekk għan-nuqqas ta' tħaris imsemmi l-parti ma jkollha l-ebda sehem jew ħtija;

"Illi d-dritt fondamentali tal-individwu li jkollu l-kawża tiegħu mismugħa b'mod xieraq u fi żmien raġonevoli timponi fuq l-Istat li jħares id-Dritt li jassigura l-eżistenza u ż-żamma fis-seħħ ta' sistema effiċjenti ta' amministrazzjoni ta' ġustizzja. Dan jitnissel billi l-Istat jipprovdi strutturi, riżorsi u għodod li bihom il-Qrati jkunu jistgħu jwettqu xogħolhom kif imiss. B'żieda ma dan, ingħad ukoll li l-investigazzjoni ta' dewmien fis-smigħ ta' kawża m'għandhiex issir sempliċistikament fit-termini dojoq tal-kawża partikolari, imma f'termini ferm usa' li jħaddnu ċ-ċirkostanzi kollha li fihom dik il-Qorti tkun qegħda taħdem fiż-żmien relattiv[24];

"Illi b'danakollu, jekk minħabba l-inadekwatezza tal-istrutturi li tfasslu biex titħaddem il-makna tal-amministrazzjoni tal-ġustizzja jbati bla ħtija ċ-ċittadin, l-Istat irid jagħmel tajjeb għal tali tbatija[25]. Għaliex kif qalet il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f'għadd ta' kawżi, meta kienet qegħda tgħarbel l-implikazzjonijiet u l-implimentazzjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, "... *(that article) imposes on the Contracting States the duty to organise their judicial systems in such a way that the Courts can meet the requirments of this provision [**Salesi vs Italy** (26/2/1993)]. It wishes to reaffirm the importance of administering justice without delays which might prejudice its effectiveness and credibility [**Katte Klitsche de la Grange vs Italy** (27/10/1994)]*"[26]. Aktar riċentement, dik il-Qorti kienet f'qagħda li żżid tgħallem li "*whether or not the subject matter of the cases called for particular urgency in deciding them, ... it is for the Contracting States to organise their legal systems in such a way that their courts can guarantee the rights to everyone to obtain a final decision on disputes relating to civil rights and obligations within a reasonable time [**Horvat vs Croatia** (26/7/2001)]*"[27];

"Illi meta mbagħad ġie mistħarreġ l-aspett tar-raġonevolezza fit-tmexxija 'l quddiem tal-kawżi, dik il-Qorti kellha dan xi tgħid: "*reasonableness ... must be assessed in each case according to the particular circumstances. ... The Court has, for this purpose, had*

[23] Kost. **27.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Brincat vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.i.160**)
[24] Kost. **23.1.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Manduca vs Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.1** f'paġ. 23)
[25] P.A. Kost. **29.10.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Stephen Attard noe vs Il-Prim Imħallef Dr. Carmelo Schembri et*** (mhix pubblikata)
[26] Ara QEDB **28.7.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***A.P. vs Italja*** (Applik. Nru. 35265/97) § 18
[27] Ara QEDB **19.12.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Culjak vs Kroazja*** (Applik. Nru. 58115/00) § 63

*regard, inter alia, to the complexity of the case, and to the conduct of both the applicant and the competent authorities...*"[28], magħdud ma' dawn ukoll "*..the importance of what was at stake for the applicant in the litigation*"[29]. Ta' min jgħid li fil-qies tal-kriterju tar-raġonevolezza fil-mixi 'l quddiem ta' smigħ ta' kawża ta' indoli kriminali ma hemm l-ebda terminu assolut u ma hemm l-ebda fattur partikolari hawn fuq imsemmi li waħdu huwa determinanti. Iċ-ċirkostanzi kollha magħdudin flimkien b'effett kumulattiv għandhom ikunu bażi tajba biex jitqies il-kriterju tar-raġonevolezza fid-dewmien proċedurali[30];

"Illi dwar dewmien fis-smigħ ta' kawżi minħabba l-għadd kbir ta' kawżi li jkunu qegħdin jistennew is-smigħ, il-Qorti Ewropeja kellha dan xi tgħid: "*A temporary backlog of court business does not entail a Contracting State's international liability, if it takes appropriate remedial action with the requisite promptness [**Union Alimentaria Sanders vs Spain** (7/7/1989)]. However, according to the Court's established case-law, a chronic overload cannot justify an excessive length of proceedings*"[31]. F'dan il-kuntest jinsab mgħallem b'awtorita' wkoll li "*The Convention places a duty on the contracting parties, which applies regardless of cost, 'to organise their legal systems so as to allow the courts to comply with the requirements of Article 6(1)'. It follows that a State may be held liable not only for any delay in the handling of a particular case in the operation of a generally expeditious system for the administration of justice, but also for a failure to increase resources in response to a backlog of cases and for structural deficiencies in its system of justice that causes delay*"[32];

"Illi hu meqjus li l-ħtieġa ta' smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli fil-każ ta' proċedura kriminali fl-artikolu 6 tal-konvenzjoni "*is to guarantee that within a reasonable time, and by means of a judicial decision, an end is put to the insecurity into which a person finds himself as to his civil-law position or on account of a criminal charge against him; in the interest of the person in question as well as of legal certainty. This rationale entails that the provision also applies in cases where there is no question of detention on remand*"[33];

"Illi għalhekk il-ħtieġa ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, taħt il-Konvenzjoni tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l-effettivita` u l-kredibilta` tal-ġustizzja; (b) il-ħtieġa li l-persuna mixlija tingħata l-opportunita' ta' difiża xierqa w effettiva tant li jingħad li "*the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the*

28 Ara QEDB **6.5.1981** fil-kawża fl-ismijiet ***Buchholz vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 7759/77) § 49
29 Ara QEDB **25.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gast & Popp vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 29357/95) § 70
30 Kost. **12.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Said vs L-Avukat Ġenerali***
31 Ara QEDB **01.07.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Pammel & Probsteiner vs Ġermanja*** (Applik. Nru. 17820/91) § 69
32 Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.*, paġ. 227
33 Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit, 2006), pg. 602 – 3

*initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence*"[34]; (ċ) d-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal żmien twil stat ta' inċertezza fuq il-verdett tal-innoċenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proċeduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija;

"Illi dwar kif titkejjel ir-raġonevolezza taż-żmien fil-każ ta' proċeduri kriminali, huwa meqjus li ġeneralment dan iż-żmien jibda jgħodd ("*dies a quo*") mill-waqt li l-persuna ssir taf x'inhi l-akkuża li qiegħda ssir kontra tagħha, għaliex hu minn tali waqt li jibda l-interess tagħha li l-akkuża tkun determinata u maqtugħa. Dan ifisser li mhux tabilfors li ż-żmien jibda minn x'ħin il-persuna tkun mixlija formalment, iżda jista' jibda minn x'ħin il-persuna tkun mgħarrfa li qiegħda taħt stħarriġ u li tkun qiegħda tinżamm taħt arrest preventiv minħabba dak l-istħarriġ sakemm issir l-għażla jekk titressaqx mixlija formalment quddiem Qorti[35]. Dak iż-żmien jibqa' jitkejjel sakemm ("*dies ad quem*") iż-żmien tal-inċertezza maħluqa bil-pendenza tal-proċedura jkun intemm. Dan iseħħ jew mal-għoti tas-sentenza li tkun jew mal-għeluq taż-żmien li minnha seta' sar appell[36];

"Illi kif ingħad qabel, ir-raġonevolezza taż-żmien meħud fis-smigħ ta' kawża ma titkejjilx biss bit-tul u lanqas fl-astratt, imma trid titqies fid-dawl taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Madankollu, jingħad li "*although consistently acting on the basis that each case must be considered on its facts, so that there is no objective limit to the length of time that can be taken, in all cases which have taken over eight years or more, the Court has in fact always found a breach of Art. 6 (1)*"[37];

"Illi l-Qorti issa sejra tqis jekk kemm-il darba fil-każ li għandha quddiemha **kienx hemm tassew ksur tar-regola taż-żmien raġonevoli** fid-dawl tal-kriterji li ssemmew aktar qabel. Jibda biex jingħad li l-proċess kollu kontra r-rikorrent beda fit-2 ta' Awwissu tal-2006 (bil-ħruġ taċ-Ċitazzjoni min-naħa tal-Pulizija Esekuttiva) u s-sentenza li temmet il-proċess kollu ngħatat fil-11 ta' April ta' l-2013 jiġifieri sitt snin u tmien xhur wara li nbeda l-proċediment. Il-fatt waħdu li s-sentenza ħelset lir-rikorrent minn kull xilja ma jġibx li l-proċess kien wieħed fieragħ jew li sar b'mod vessatorju. Jidher li waħda mir-raġunijiet li tawlet il-mixi 'l quddiem tal-proċeduri fil-konfront tar-rikorrent kienet il-fatt li l-Prosekuzzjoni dehrilha li l-każ tiegħu kellu jinstema' flimkien ma' dak ta' tnejn min-nies oħrajn (Mifsud u Drago) għalkemm dwarhom inħarġu akkużi għal rashom. Biex tkompli

[34] Stephanos Stavros – *The guarantees for Accused Persons under Article 6 of the European Convention on Human Rights* – paġ 77
[35] QEDB **25.2.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Dobbertin vs Franza*** (Applik. Nru. 13089/87) §§ 9 u 38
[36] QEDB **19.2.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Angelucci vs Italja*** (Applik. Nru. 12666/87) § 15
[37] Harris, O'Boyle & Warbrick, *op. cit.,* paġ. 228

tgħaqqad, il-proċess kollu weħel minħabba li l-Pulizija Eżekuttiva ma setgħetx issib lill-imputat Chirs Drago għal żmien twil;

"Illi l-Qorti ma taqbilx mas-Suprintendent meta jgħid li kienet il-Qorti tal-Maġistrati li ordnat li l-kawża tar-rikorrent tinstema' flimkien ma' dik taż-żewġ persuni l-oħrajn. Jidher li l-każ tiegħu u tal-oħrajn mexa b'dan il-mod aktar minħabba li d-Dipartiment kien nieda stħarriġ dwar il-każ li kien rabat l-oġġetti li nstabu għall-bejgħ mar-rikorrent, ma' Drago u mal-bejjiegħ Mifsud. Min-naħa tiegħu, ma jidhirx li r-rikorrent kien oppona għal dan quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u lanqas jidher mill-atti li huwa ressaq xi rikors biex jitlob lill-Qorti tordna l-firda tal-proċediment. Mill-provi ħareġ li huwa kien iltaqa' mas-Suprintendent wara korrispondenza li bagħatlu u kien minn hemm u wara dik il-laqgħa (li nżammet fl-ewwel xhur tal-2010) li l-istess Prosekuzzjoni talbet il-firda tal-proċedimenti, wara li kienet il-Qorti tal-Maġistrati li ordnat li, jekk sas-smigħ li jmiss, l-imputat Drago ma jkunx għadu laqa' n-notifika, il-każ kontra r-rikorrent kien jintbagħat *sine die*. Hekk kif il-Prosekuzzjoni talbet il-firda tal-proċediment, il-Qorti tal-Maġistrati laqgħet it-talba u l-każ tmexxa b'ħeffa bil-ġbir tal-provi kollha (Prosekuzzjoni u difiża) fi tliet (3) udjenzi bejn l-10 ta' Mejju, 2010 u t-22 ta' Marzu, 2011. It-trattazzjoni tal-każ saret fis-smigħ tad-19 ta' Lulju, 2011 u dakinhar tħalliet għas-sentenza;

"Illi minħabba li l-Maġistrat li kienet qiegħda tismal-każ tar-rikorrent inħatret Imħallef qabel ma laħqet ingħatat is-sentenza, il-każ tar-rikorrent intbagħat quddiem Maġistrat ieħor. Is-sentenza ingħatat fil-11 ta' April, 2013, mill-Qorti tal-Maġistrati, u jiġifieri sena u disa' xhur wara li kienet tħalliet għas-sentenza;

"Illi ma jistax jingħad li l-każ tar-rikorrent kien wieħed kumplikat dwar il-mertu, u dan minkejja li s-Suprintendent kien jisħaq li l-kwestjoni kienet torbot aktar minn persuna waħda f'din il-ġrajja. Il-fatti wrew li, hekk kif il-Qorti tal-Maġistrati ordnat il-firda tal-każ tar-rikorrent (u ta' Mifsud) mill-każ ta' Christopher Drago, l-imputat Mifsud ammetta, filwaqt li l-Pulizija seħħilha f'qasir żmien issib lill-imputat Drago u tinnotifikah bl-att taċ-Ċitazzjoni. Minbarra dan, il-Prosekuzzjoni baqgħet tisħaq li r-rikorrent kien marbut mal-każ għar-raġuni li ntuża isem il-kumpannija tiegħu biex iddaħħlu f'Malta l-prodotti li ma kinux immarkati kif titlob il-liġi. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Maġistrati sabet li ma kienx intwera li r-rikorrent kien tabilħaqq marbut mal-ġrajja jew li kien jaħti personalment għal xi waħda mill-akkużi mressqa kontrih;

"Illi l-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrent huwa mistħoqq safejn il-proċediment meħud kontra tiegħu jirrigwarda l-mod kif il-Prosekuzzjoni mexxiet il-każ tagħha u l-insistenza tagħha li żżomm il-każ tar-rikorrent marbut ma' dak taż-żewġ imputati l-oħrajn għal tul ta' żmien, meta l-affarijiet setgħu u messhom tmexxew mod ieħor u l-każ tiegħu tabilfors ma kienx idum ikarkar daqs kemm dam. Il-Qorti ssib

ukoll li ma tistax taqbel mas-Suprintendent intimat meta jgħid li huwa ma jaħtix għal dan għaliex jgħid li l-Prosekuzzjoni titmexxa mill-Pulizija Eżekutiva. Huwa minnu li quddiem il-Qorti tal-Maġistrati jitmexxa mill-Pulizija li wkoll jaqa' fuqha d-dmir tat-tqassim tal-atti għan-notifika. Madankollu, f'dan il-każ, il-ħtija ma kenitx daqstant għaliex il-Pulizija damu mal-ħames snin biex jinnotifikaw lill-imputat Christopher Drago daqskemm minħabba li s-Suprintendent intimat baqa' jisħaq illi l-każ tar-rikorrent u tal-istess Drago jibqgħu jinstemgħu flimkien;

"Illi kien sewwasew minħabba dan l-aspett li l-proċediment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ddewwem u twal aktar minn dak li kien mistenni jew mixtieq. F'ċirkostanza bħal din, u minkejja r-raġunijiet li jistgħu jinġiebu 'l quddiem, id-dewmien fl-għeluq tal-proċediment (aktar u aktar proċediment ta' sura kriminali) iwassal għal ksur tal-jedd li l-każ jinstema' fi żmien raġonevoli[38];

"Illi dwar l-imġiba tar-rikorrent innifsu tul il-medda taż-żmien li l-każ dam jitmexxa, l-intimat lejalment ma jqanqal l-ebda attribuzzjoni. Qari xieraq tal-atti rilevanti wkoll tixhed illi r-rikorrent ma tawwal bl-ebda mod il-proċeduri u l-Qorti, wara li fliet sewwa l-provi mressqa u qieset il-kronoloġija tal-fatti, ma ssibx li r-rikorrent kien sostanzjalment ikkontribwixxa biex twal iż-żmien li ħadet il-kawża tiegħu. Min-naħa l-oħra, filwaqt li s-sehem tal-parti akkużata fil-kejl tad-dewmien ta' proċeduri kriminali jista' jkun rilevanti biex wieħed iqis jekk kienx hemm kontributorjeta' min-naħa tagħha, il-liġi ma tistenniex li l-istess akkużat jikkollabora attivament fil-proċedura li tista' twassal għas-sejbien tal-ħtija tiegħu[39] u lanqas ma għandu jkun kastigat li nqeda bir-rimedji kollha li tagħtih il-liġi[40];

"Illi, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti tasal għall-fehma li, fil-każ konkret, kien hemm ksur tar-rekwiżit tas-smigħ xieraq f'għeluq żmien raġonevoli minħabba d-dewmien, u għalhekk l-ewwel talba tar-rikorrent sejra tintlaqa';

"Illi minħabba f'hekk, il-Qorti sejra tilqa' wkoll it-tieni talba u ssib li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu kif imħares kemm taħt l-artikou 39 tal-Kostituzzjoni u kif ukoll l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

"Illi **dwar ir-rimedju mitlub** mir-rikorrent, il-Qorti tinnota li din il-kawża nfetħet wara li kienu ntemmu l-proċeduri kriminali. Bis-sentenza mogħtija, r-rikorrent kien inħeles minn kull akkuża. La l-Kostituzzjoni u lanqas il-Konvenzjoni ma jfissru x'imisshom ikunu l-effetti ta' proċedimenti kriminali meta jinstab ksur tal-element tas-smigħ xieraq fi żmien raġonevoli. Xi kittieba juru l-fehma li "*It would seem to ensue from this provision that, if the reasonable time has been exceeded*

---

[38] Kost. **3.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Daniel Alexander Holmes vs Avukat Ġenerali et***; u P.A. (Kost) TM **16.1.2015** fil-kawża fl-ismijiet ***Samuel Onyeabor vs Avukat Ġenerali*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fl-**14.12.2015**)
[39] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.,* paġ. 607
[40] Kost. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Said et vs L-Avukat Ġenerali***

*and, consequently, the determination can no longer be made within a reasonable time, the proceedings would have to be stopped and the civil action and the criminal charge be declared inadmissible. However, in the Strasbourg case law a more flexible view has been adopted: 'an excessive length of criminal proceedings can in principle be compensated for by measures of the domestic authorities, including in particular a reduction of the sentence on account of the length of procedure'. ... in criminal procedures the public interest in the prosecution and conviction of the criminal may be so great that the prosecution should not be stopped for the sole reason that the reasonable time has been transgressed: another, more proportionate compensation should be awarded to the victim of the transgression*"[41];

"Illi, fil-każ tal-lum, ir-rikorrent għal raġunijiet ovvji mhux qiegħed jitlob it-tħassir tas-sentenza mogħtija fir-rigward tiegħu. Ir-rikorrent qiegħed jippretendi ħlas ta' kumpens xieraq minħabba li, sakemm dam għaddej il-proċediment kontrih quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ġarrab ħsara minħabba li isem il-kumpannija tiegħu (li ħaddieħor użaha minn wara dahru) itebba' minħabba l-akkużi li kienu għaddejjin kontrih. Minbarra dan, ir-rikorrent innifsu wkoll kien mistħarreġ mid-Dipartiment tat-Taxxa minħabba d-dell li ntefa' fuq ismu u l-kumpannija tiegħu minħabba dawk il-proċedimenti;

"Illi dwar il-kwestjoni tal-kumpens li jitħallas f'każ ta' sejbien ta' ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni, jibda biex jingħad li l-għoti ta' kumpens huwa fakultativ[42], għaliex dikjarazzjoni li seħħ ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq waħedha tista' f'xi każijiet isservi sakemm rimedju bħal dak jista' jitqies bħala wieħed effettiv u effikaċi li jiżgura lill-parti mġarrba r-*restitutio in integrum* tal-jeddijiet tagħha[43]. Min-naħa l-oħra, jekk kemm-il darba l-Qorti tqis li jkun xieraq li tagħti lill-persuna mġarrba xi sura ta' kumpens dan m'għandux ikun eżerċizzju ta' komputazzjoni ta' danni bħalma jsir, per eżempju, fi proċess ċivili normali. Ingħad mill-Qrati tagħna li "*kawża kostituzzjonali għal dikjarazzjoni ta' leżjoni ta' dritt fondamentali m'għandhiex tiġi konvertita f'kawża għal danni akwiljani. Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta' in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża*"[44];

"Illi fil-każ tal-lum ir-rikorrent ma ressaq l-ebda pretensjoni speċifika tal-kumpens li jippretendi. Il-Qorti jidhrilha li fuq il-bażi ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u wara li qieset il-kriterji mħaddmin mill-Qorti ta'

---

[41] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. cit.* paġ. 611
[42] K. Reid A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights (3rd Edit, 2007) § III-001, paġ. 603 – 4
[43] Kost. **11.8.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***John Buġeja vs L-Avukat Ġenerali et***
[44] Kost. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Gasan Enterprises Limited vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar***

Strasbourg u mill-Qrati tagħna[45], hija tasal għall-fehma li għall-ksur tal-jedd imġarrab mir-rikorrenti ma tgħoddx biss id-dikjarazzjoni tal-ksur iżda lanqas għandha ssir likwidazzjoni ta' danni kif isir fi proċediment ordinarju f'azzjoni għad-danni. Issib li jkun rimedju xieraq jekk ir-rikorrent jingħata kumpens morali. Meta qieset iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, il-Qorti waslet għall-fehma li dan il-kumpens għandu jkun ħlas fis-somma ta' tlitt elef (€ 3,000) li l-intimat Avukat Ġenerali u s-Suprintendent imsejjaħ fil-kawża solidalment iridu jagħmlu tajjeb għalihom;

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-tielet talba billi tordna lill-intimati jħallsu lir-rikorrent is-somma msemmija bħala kumpens morali;"

## L-Appell

10. L-intimat Avukat Generali pprezenta l-appell tieghu permezz ta' rikors datat 14 ta' Dicembru 2016, fejn talab illi din il-Qorti thassar u tirrevoka fit-totalita` taghha s-sentenza tal-ewwel Qorti deciza fl-24 ta' Novembru 2016 u tilqa' l-aggravji tieghu, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellat.

11. L-intimat ibbaza l-appell tieghu fuq tliet aggravji li, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti: (i) l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti koncernanti l-element tad-dewmien u ma messitx sabet lezjoni tad-dritt tar-rikorrent ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli; (ii) l-ewwel Qorti ma messitx illikwidat kumpens ghal danni morali fis-somma ta' €3,000 stante li ma kien hemm ebda lezjoni tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u anke kieku jigi rravvizat xi ksur, is-somma likwidata hija

[45] Ara, per eżempju, P.A. (Kost) GV **27.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Henry Cassar vs L-Avukat Ġenerali*** u Kost. **12.2.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Francis Said vs L-Avukat Ġenerali***

gholja wisq u ghandha tigi mnaqqsa; u (iii) l-intimat ma messux gie kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza.

12. Ghal dan l-appell ir-rikorrent ipprezenta risposta fit-8 ta' Mejju 2017 fejn ghar-ragunijiet hemm imfissra, sostna li l-appell tar-rikorrent ghandu jigi michud.

13. L-imsejjah fil-kawza s-Superintendent tas-Sahha Pubblika ma interpona ebda appell mis-sentenza appellata.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

L-Ewwel Aggravju

14. L-intimat ma jaqbilx mal-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti li kien hemm dewmien eccessiv fil-proceduri li wasslu ghall-ksur tad-dritt tar-rikorrenti ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli. L-intimat jghid illi l-ewwel Qorti "*ma tatx id-debita konsiderazzjoni tal-fatt li jirrizulta mill-atti tal-proceduri civili [recte.* kriminali*] in kwistjoni li l-fatt li r-rikorrent gie liberat mill-akkuzi dedotti kontrih mill-Prosekuzzjoni, ma jfissirx li l-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz mexxiet il-kaz in malafede jew kapriccozament, izda jfisser biss li l-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz ma*

*rnexxilhiex tipprova l-akkuzi fil-konfront tar-rikorrent sal-grad rikjest mil-ligi u cioe` b'certezza morali*".

15. Il-Qorti tinnota illi fir-rikors tieghu r-rikorrent imkien ma allega xi malafede jew motivazzjoni ulterjuri da parti tal-prosekuzzjoni fil-hrug tac-citazzjoni li biha huwa kien gie mixli bl-akkuzi quddiem il-qorti ta' kompetenza kriminali. Ir-rikorrent lanqas ibbaza l-ilmenti tieghu ta' ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fuq xi allegazzjoni li ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu minghajr ma rrizulta xejn mill-investigazzjonijiet kondotti, li l-prodotti in kwistjoni inbieghu bi ksur tar-regolamenti citati. Fuq kollox, ma jidhrix lanqas illi l-ewwel Qorti mmotivat is-sentenza taghha fuq dawn il-kunsiderazzjonijiet li semma l-intimat fl-ewwel aggravju tieghu, jew ghamlet xi pronunzjament illi l-awtorita` sanitarja ma kienetx gustifikata tesigi li jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tar-rikorrent. Ghalhekk, il-Qorti mhux sejra tqis iktar dan l-aspett tal-ewwel aggravju stante li huwa manifestament infondat.

16. L-intimat Avukat Generali jissokta billi jerga' jaghmel accenn ghal dawk il-kriterji li, skont il-gurisprudenza kostanti, ghandhom jigu kkunsidrati b'mod komplessiv biex jigi determinat jezistix dewmien bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni (in-natura u kumplessita` tal-kaz, l-imgieba processwali tal-partijiet fil-kawza u l-mod kif il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita` gudizzjarja nnifisha). Fir-rigward jghid li

n-natura tal-akkuzi li gie mixli bihom ir-rikorrent f'dan il-kaz kienu teknici u kumplessi peress illi r-rikorrent u z-zewg akkuzati l-ohra kienu f'diversi stadji involuti fl-importazzjoni u bejgh ta' prodotti fuq is-suq lokali bi ksur tar-regolamenti citati, u kienet ghalhekk gustifikata t-talba li l-kawzi jinstemghu flimkien.

18. Din il-Qorti ma ghandha ebda diffikolta` tapprezza li d-decizjoni tal-prosekuzzjoni li titlob li l-kawzi kontra t-tliet imputati implikati f'dan il-kaz jinstemghu flimkien, oltre li fiha nnifisa hija decizjoni legali li ma timpingix fuq il-garanziji tad-dritt ghal smigh xieraq, ittiehdet ghall-ahjar tmexxija tal-prosekuzzjoni, u certament mhux bl-intenzjoni li ittawwal il-proceduri. Madanakollu, ma tistax ma tosservax ukoll illi kwalunkwe decizjoni, tajba kemm kienet tajba amministrattivament u legalment, ma tibqax konformi mad-dettami ta' smigh xieraq jekk ikollha effett inoltrat li jwassal ghal dewmien mhux ragjonevoli fid-determinazzjoni tal-process gudizzjarju, senjatament dak kriminali, a skapitu tal-akkuzat. Ghalhekk, filwaqt li din il-Qorti tifhem u taqbel mal-intimat illi bla dubju kien fl-interess tal-ahjar amministrazzjoni tal-prosekuzzjoni u ghall-finijiet ta' effikacja u pratticita`, illi l-kawzi tal-imputati lkoll jinstemghu flimkien, tqis ukoll li kellu jkun daqstant evidenti ghall-prosekuzzjoni li din id-decizjoni ma baqghetx iktar gustifikabbli meta, sena wara sena, il-kawza tar-rikorrent baqghet dejjem wieqfa.

19. Billi l-effett dirett ta' din it-talba tal-prosekuzzjoni (debitament milqugha mill-Qorti) kien appuntu s-sospenzjoni tal-proceduri kriminali kontra r-rikorrent, kienet iktar impellenti l-htiega li jintlahaq u jinzamm bilanc bejn l-interess tal-effickacja tal-hidma tal-prosekuzzjoni u d-dritt tar-rikorrent li jigi protett minn dewmien eccessiv u irragjonevoli fis-smigh tal-proceduri kriminali pendenti kontrih. Izda f'dan il-kaz ma jistax jinghad illi nzamm bilanc tajjeb fir-rigward, u dan kellu jkun manifest kif appena giet riskontrata d-diffikolta` fin-notifika tal-koimputat Christopher Drago. Jigi osservat illi f'dan il-kuntest, l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati[46] li ir-rikorrent ma ghandux jibqa' jattendi ghas-seduti f'kaz li l-imsemmi Christopher Drago jibqa' ma jinstabx sa l-udjenza ta' wara, ftit li xejn setghet taghti biex ittaffi mill-incertezza li r-rikorrent kien diga` jinsab fiha.

20. In tema legali, jinsab ritenut pacifikatament illi:-

> "… il-ħtieġa ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli, taħt il-Konvenzjoni, tinbena fuq il-fatt li (a) id-dewmien iqiegħed fil-periklu l-effettivita` u l-kredibilta` tal-ġustizzja; (b) il-ħtieġa li l-persuna mixlija tingħata l-opportunita' ta' difiza xierqa w effettiva tant li jingħad li "*the right to a speedy trial has traditionally been perceived as protecting two basic rights of the accused. First the accused should not for an unduly long period remain in a state of uncertainty about his fate or be subjected to a series of disabilities normally associated with the initiation of criminal proceedings. Secondly speedy proceedings are designed to safeguard the right of the accused to mount an effective defence; the passage of time may result in the loss of exculpatory evidence*"; (ċ) d-dewmien joħloq fil-persuna mixlija li titħalla hekk għal żmien twil stat ta' incertezza fuq il-verdett tal-innoċenza jew il-ħtija tagħha u fuq x'sejjer ikun id-destin tagħha; u (d) d-dewmien ta' proċeduri kriminali għandu effett negattiv fuq il-fama tal-persuna mixlija."[47]

[46] Seduta tad-9 ta' Novembru 2009.
[47] ***Anton Camilleri vs Avukat Generali***, deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Frar 2016

21. F'dan il-kaz, ghall-finijiet tal-Konvenzjoni, il-proceduri kriminali kontra r-rikorrent ghandhom jitqiesu li gew istitwiti fid-data meta nharget ic-citazzjoni bl-akkuzi kontra r-rikorrenti, cioe` fit-2 ta' Awwissu 2006. Jirrizulta li l-provi finalment bdew jinstemghu fl-udjenza tal-10 ta' Mejju 2010 meta l-prosekuzzjoni talbet, u l-qorti ordnat, is-separazzjoni tal-kawzi, jigifieri wara trapass ta' erba' snin u tliet xhur. F'dan ir-rigward huwa relevanti li jigi osservat li x-xhud Malcolm Micallef jikkonferma[48] illi d-decizjoni tal-prosekuzzjoni li titlob is-separazzjoni tal-gudizzju ttiehdet appuntu minhabba d-dewmien li kien qed jigi kkagunat bid-decizjoni originali li l-kawzi jinstemghu flimkien, u jistqarr ukoll illi r-rikorrent kif ukoll id-difensur tieghu kienu insistew iktar minn darba mal-prosekuzzjoni li kellha ssir it-talba ghall-firda tal-kawzi.

22. Din il-Qorti, fis-sentenza taghha **Joseph Gatt et v. Avukat Generali**[49], ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet fir-rigward:

> "… in criminal matters, the "reasonable time" referred to in Article 6 § 1 of the Convention begins to run as soon as a person is "charged"; this may occur on a date prior to the case coming before the trial court (see, for example the above-mentioned, Deweer v. Belgium, judgment, p. 22, § 42), such as the date of arrest, the date when the person concerned was officially notified that he would be prosecuted or the date when preliminary investigations were opened"[50].

[48] Xhieda tal-21 ta' Jannar 2014 – fol. 56 u 57.
[49] Deciza 28 ta' Frar
[50] Q.E.D.B: ***Merit v Ukraine***, Appl.6656/01, 30 June 2004.

23. Ferm il-premess, din il-Qorti tqis illi dewmien ta' iktar minn erba' snin bejn il-hrug tac-Citazzjoni u l-ewwel seduta fejn bdew jitressqu l-provi, ma jista' qatt ikun gustifikabbli fi kwalsiasi proceduri gudizzarji, ahseb u ara f'kuntest ta' proceduri kriminali. Dan in-nuqqas jassumi ferm iktar gravita` meta wiehed iqis illi hawn si tratta dwar proceduri sommarji, oltre li ghal dan id-dewmien ma jahti b'ebda mod ir-rikorrent. Fir-rigward, ix-xhud Malcolm Micallef xehed li r-rikorrenti dejjem attenda b'mod preponderanti ghall-udjenzi fil-proceduri kriminali. Din il-Qorti ghalhekk taqbel mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-prosekuzzjoni fil-kawza kriminali kontra r-rikorrenti ma kienetx gustifikata li tistenna erba' snin qabel talbet il-firda tal-kawzi tar-rikorrent u Mario Mifsud minn mal-kawzi ta' Christopher Drago, specjalment meta rrizulta illi wara l-firda tal-kawzi, il-provi kollha fil-kaz tar-rikorrenti tressqu fi tliet seduti b'kollox bi trapass ta' ftit iktar minn sena sakemm il-kawza giet differita ghas-sentenza[51].

24. Ghalkemm huwa assodat in materja ta' dewmien ragjonevoli ghall-finijiet tal-Artikolu 6 li hemm cirkostanzi fejn dewmien jista' jitqies li huwa ragjonevoli, bhal meta l-kaz ikun komplikat u jkun jehtieg investigazzjoni dettaljata u akkurata, jew il-kumpilazzjoni ta' hafna xhieda, fil-kaz tal-lum ma tressqet ebda prova li kien hemm din il-htiega. Ma jirrizulta ebda kumplessita` fin-natura ta' dan il-kaz li kienet

[51] Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-ewwel darba fl-udjenza tad-19 ta' Lulju 2011, ghall-1 ta' Novembru 2011.

tiggustifika d-decizjoni li l-proceduri kontra r-rikorrent jibqghu sospizi ghal erba' snin shah qabel il-prosekuzzjoni ddeciediet li titlob is-separazzjoni tal-gudizzju bejn il-kawzi tal-ko imputati. B'mod partikolari, jigi osservat li ma tressqet ebda prova ta' natura teknika, la l-*flow chart* imsemmija mill-intimat fl-appell tieghu, u lanqas xhieda biex tigi mfissra "*il-katina ta' negozju*" li wkoll ghamel accenn ghaliha l-intimat fl-appell tieghu. Finalment, din il-Qorti ma tistax ma taqbilx mal-kumment maghmul mill-Qorti tal-Magistrati in propozitu fis-sentenza taghha, illi x-xhieda li tressqet mill-prosekuzzjoni ma kienet "*xejn cara*".

25. Izda fuq kollox, xejn ma jista' jwarrab il-fatt illi l-proceduri li min-natura taghhom huma intizi biex jinstemghu u jinqatghu f'udjenza wahda, <u>damu kwazi seba' snin biex jigu decizi</u> u ma hemm xejn iktar fil-process li jista' jeghleb it-tezi tar-rikorrent li kien hemm dewmien esagerat u mhux gustifikat fil-process kriminali kontrih. Ghalhekk, dan id-dewmien ma jistax ma jigix meqjus bhala esagerat, mhux ragjonevoli u li jeccedi dak li hu jew ghandu jkun normalment accettabbli f'socjeta` demokratika, u bhala tali jikser id-dritt fundamentali tar-rikorrent li jistenna li l-proceduri kriminali kontra tieghu jigu determinati fi zmien ragjonevoli. F'hajja ta' bniedem sitta jew seba' snin huma hafna, specjalment meta si tratta ta' proceduri kriminali, ghaliex dan sarraf f'sitt snin ta' incertezza ghar-rikorrent, tiela' u niezel il-Qorti ghas-seduti minghajr hjiel dwar meta ser jibda jinstema' ahseb u ara jinqata' l-kaz

tieghu fejn, f'kaz ta' sejbien ta' htija, seta' jehel multa u/jew sa massimu ta' sentejn prigunerija. Minn ezami tal-atti processwali, din il-Qorti identifikat mhux inqas minn 26 seduta li nzammu fil-proceduri kriminali (inkluz mit-tahrikiet notifikati lir-rikorrent[52]), fejn instemghu provi fi tlieta minnhom biss.

26. Ghalkemm huwa evidenti mill-premess illi din il-lezjoni hija principalment dovuta ghall-insistenza tal-prosekuzzjoni li l-kawza kontra r-rikorrent ma tigix mismugha u ma tigix determinata qabel ma l-ewwel jigi notifikat bil-kawza tieghu Christopher Drago, il-Qorti thoss li ghandha zzid ukoll li jirrizulta li kien hemm dewmien li huwa attribwibbli lill-fatt illi s-sentenza fil-kawza tar-rikorrent, damet kwazi sentejn ohra biex tinqata'. Huwa minnu li kien hemm tibdil fil-gudikant ghal ragunijiet kompletament barra mill-kontroll tal-partijiet, izda hawn si tratta ta' proceduri sommarji fejn il-provi ma humiex voluminuzi jew kumplikati.

27. Ferm il-premess, din il-Qorti ma ssibx li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u ghalhekk mhix sejra tiddisturba l-konkluzjonijiet taghha. L-ewwel aggravju tal-intimat Avukat Generali ma huwiex ghalhekk gustifikat u qed jigi respint.

[52] Annessi ma' l-Affidavit tieghu - fols. 24 sa 45.

It-Tieni Aggravju

28. Permezz tat-tieni aggravju tieghu l-intimat jilmenta illi l-ewwel Qorti ma messitx illikwidat danni morali fis-somma ta' €3,000 stante illi (i) ma kienx hemm lezjoni tad-drittijiet tar-rikorrent u (ii) f'kull kaz, l-ammont ta' kumpens likwidat huwa gholi wisq. Stabbilit li kien hemm lezjoni, l-ewwel parti ta' dan l-aggravju mhix gustifikata.

29. Dwar il-lanjanza fir-rigward tal-*quantum* tal-kumpens likwidat mill-ewwel Qorti, din il-Qorti tibda billi tirribadixxi li dewmien f'kull xorta ta' proceduri gudizzjarji jimmina l-gustizzja, izda dewmien fi proceduri kriminali, fejn il-liberta` tal-bniedem hi in diskussjoni, ma ghandux jigi tollerat u ghal dan id-dewmien irid jinghata rimedju effettiv. Ghalhekk tqis li l-ewwel Qorti kienet gustifikata li taghti rimedju lir-rikorrent, liema rimedju in kwantu n-natura u entita` tieghu huwa dejjem imholli ghal kollox fid-diskrezzjoni tal-Qorti purche` li r-rimedju li jinghata jkun konformi mal-kriterji abbraccjati mill-gurisprudenza tal-qrati taghna.

30. F'dan il-kaz tar-rikorrent, id-dewmien fil-kawza kriminali tieghu ecceda sitt snin. Wara li din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti qabilha, hadet qies tat-tul komplessiv taz-zmien li hadu l-proceduri li certament ma kienx misthoqq f'dan il-kaz u tenut kont b'mod partikolari tan-natura kriminali tal-proceduri u l-element ta' incertezza u ansjeta` li d-dewmien

komplessiv ikun inholoq fir-rikorrent, kif del resto fisser fil-provi li ressaq f'dan il-kuntest, din il-Qorti taqbel li ghall-ksur tal-jedd imgarrab mir-rikorrent ma tghoddx biss id-dikjarazzjoni tal-ksur, kif jippretendi l-intimat izda wkoll kumpens monterarju.

31. Kif gie rapportat minn din il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Anton Camilleri v. Avukat Generali**[53]:-

> "Meta jiġi riskontrat dewmien skont l-artikolu 6, ir-rimedju għandu jkun, bħala regola, kumpens konsistenti f'danni morali li jkunu jirrispekkjaw id-dewmien inġustifikat, u dan indipendentement min-natura tal-kawża jew il-valur tal-proprjeta' in kontestazzjoni, u bla preġudizzju għad-danni materjali ossija reali li dak id-dewmien seta' effettivament ikkawża"42; (Kost. **3.2.2009** fil-kawża fl-ismijiet **Gasan Enterprises Limited vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**)."

32. Wara li hadet konjizzjoni tad-diversi sentenzi citati mill-intimat fl-appell tieghu in sostenn ta' dan l-aggravju tieghu dwar il-*quantum* tal-kumpens, din il-Qorti thoss li ghandha tissottolineja li l-proceduri kontra r-rikorrent fejn gie riskontrat dewmien eccessiv, kienu proceduri kriminali u mhux proceduri civili. Fis-sentenza fl-ismijiet **David Marinelli vs Avukat Generali**[54], gie rapportat hekk in propositu:

> "Din il-Qorti tifhem illi ghar-rigward tar-ragonevolezza tad-dewmien ghandha ssir distinzjoni bejn process kriminali u dak civili, ghax fejn il-liberta` jew il-gieh tal-persuna jkunu *in issue*, hu importanti li l-kwistjoni ma titwalx aktar milli hu necessarju, u filwaqt li fil-process civili, wiehed jista` jaccetta certu dewmien, dan m'ghandux ikun permess meta hemm imdendla kontra persuna akkuza ta' natura kriminali. Ovvjament,

[53] Supra.
[54] PA [S.K.] deciza 3 ta' Lulju 2008.

> kollox hu relattiv u kollox ghandu jitqies fil-kuntest tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz li jistghu jwasslu ghar-ragonevolezza taz-zmien li ttiehed biex jigi determinat il-kaz in kwistjoni." [Sottolinejar ta' din il-Qorti]

33. Ferm il-premess, il-Qorti taghraf li l-kumpens likwidat f'kaz ta' dewmien f'proceduri civili ma jistax jigi meqjus bhala kejl tajjeb ghal-likwidazzjoni ta' kumpens ghal dewmien f'kawza kriminali. Fic-cirkostanzi, il-Qorti mhux konvinta li l-kumpens ghal danni morali likwidat fis-sentenza appelleta huwa eccessiv u ma tara ebda raguni valida fic-cirkostanzi ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti. Ghalhekk it-tieni aggravju tal-intimat ukoll qed jigi michud.

It-Tielet Aggravju

34. L-intimat finalment jilmenta li ma kellux jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tal-kawza. Billi dan l-aggravju huwa msejjes esklussivament fuq is-success tal-ewwel u t-tieni aggravji li gew michuda, dan l-aggravju wkoll qed jigi michud: l-ewwel Qorti kienet pjenament gustifikata, galadarba rravvizat lezjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent protetti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, li tordna lill-intimat ihallas l-ispejjez tal-kawza.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-appell billi tichdu in toto u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza jigu sopportati mill-intimat Avukat Generali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df